**QORTI TAL-MAĠISTRATI - MALTA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru 88/2021 LC

**JOHN DEGIORGIO**
**(K.I. 115669M)**

**vs**

**JAMES CAMILLERI**
**(K.I. 737561M)**

Illum, 8 ta' April 2024

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' John Degiorgio fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil dan il-Bord sabiex tikkundanna lill-intimat:

> Iħallas s-somma ta' disat elef, disgħa mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (9,965.57 Ewro) rappreżentanti prezz *(premia)* ta' poloz ta' assikurazzjoni u spejjeż ta' liċenzji tat-triq *(road licence)*, imħallsa f'ismek mill-esponenti bħala intermedjarju ta' Mapfre Middlesea, bl-intiż li inti trodd dan l-ammont lura lilu. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta numru 5/2021 (annessa u mmarkata Dok A) u bl-

imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-pagamenti effettiv kontra l-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat James Camilleri datata d-9 ta' Ġunju 2021 fejn jesponi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu jirrigwardjaw allegati prestazzjonijiet reżi oltre ħames (5) snin ilu;

2. Illi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni stante li milquta minn kawża illeċita evidenti u lampanti in kwantu l-attur qatt ma ta irċevuti fiskali lill-intimat għall-ħlasijiet li saru mill-intimat;

3. Illi in ogni każ ebda ammont mhux dovut lill-atturi.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Rat illi waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2022 l-intimat irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu fir-rigward tal-preskrizzjoni u talab li l-kawża titkompla fuq il-mertu.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti[1] jirriżulta illi huwa jaħdem *part-time* bħala *tied-intermediary* mas-soċjetàjiet assikurattriċi Mapfre Middlesea u MSV Life. Bħala xogħol huwa jieħu ħsieb li accounts li l-klijenti tiegħu għandhom mas-soċjetà assikurattriċi msemmija fosthom billi jieħu ħsieb it-tiġdid tal-poloz tal-assikurazzjoni u jsegwi l-*claims* tal-istess klijenti tiegħu. L-intimat imexxi l-buisness ta kiri ta' vetturi bix-xufier, bl-isem ta' *Williams Garage*.

Ir-rikorrenti qal li l-intimat kien klijent tiegħu li kellu diversi poloz tal-assikurazzjoni mas-soċjetàjiet assikurattriċi msemmija u kien jieħu ħsiebhom ir-rikorrenti. Qal li l-intimat kien klijent tiegħu bejn 2007 sa 2013, u bejn 2016 sa 2018. Jgħid li fl-ewwel snin ma kellu ebda problema dwar ħlasijiet mill-intimat iżda fil-perjodu ta' l-aħħar sentejn żviluppaw xi diffikultajiet. Qal li minħabba li kellu numru ta' vetturi u peress li l-poloz tal-assikurazzjoni kienu għoljin, huwa kien juża sistema ta' *open account* miegħu, fis-sens li kien joħroġ il-flus l-istess rikorrenti imbagħad jiġborhom lura mill-intimat. Skontu, l-intimat ma kienx iħallas polza speċifika imma kien jagħtih somma flus u r-rikorrenti jaqta' mill-bilanċ tal-kont tiegħu. Qal ukoll li f'dan il-perjodu kellu żewġ *claims* mas-soċjetà assikurattriċi.

Ir-rikorrenti qal li fl-2018, l-intimat temm ir-relazzjoni tiegħu u kien fadallu bilanċ ta' poloz mhux imħallsa u anke żewġ claims pendenti mar-rikorrenti. Qal li dawn baqgħu ma tħallsux u fl-2020 ir-rikorrenti avviċina lil bint l-intimat, peress li hi kienet tieħu ħsieb il-konteġġi tal-intimat, sabiex jiġbor l-ammonti pendenti. Qal li l-ammonti mitluba fil-kawża odjerna ħariġhom minn butu u huma mħallsin lis-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance plc.[2] Qal li talab l-intervent tas-soċjetà assikurattriċi sabiex jiġbor dawn il-flus u filfatt huma kitbu ittra formali u anke kellhom laqgħa fl-uffiċċju tagħhom,

[1] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Novembru 2021, a fol. 13 tal-atti proċesswali dik mogħtija fid-29 ta' April 2022 a fol. 39 tal-atti proċesswali.
[2] Ara dok JD3 a fol. 33 tal-atti proċesswali.

flimkien mal-avukat tal-istess soċjetà assikurattriċi. Hu ppreżenta prospett li juri l-breakdown tal-ammont totali ta' pagamenti li għamel ir-rikorrenti[3] kif ukoll prospett tal-pagamenti li għamel lil Transport Malta fir-rigward tal-liċenzji mħallsa minnu.[4] Qal li meta l-intimat kien iħallsu, huwa kien jikteb fuq karta l-ammont li tħallas u l-modalità tal-pagament[5] u qal ukoll li l-intimat kien iżomm reġistru tal-pagamenti li jkun għamel. Fix-xhieda tiegħu qal li l-ammont totali dovut kien ta' €20,127 li minnhom ħallas is-somma ta' €10,161 biex fadal bilanċ ta' €9,965.57, kif mitlub f'dawn il-proċeduri.

Illi l-intimat xehed[6] illi huwa kellu n-negozju tat-taxis. Qal li r-rikorrenti kien juża s-servizzi tar-rikorrenti fir-rigward tal-bżonnijiet ta' assikurazzjoni għall-perjodu li kien assikurat mas-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance. Qal li r-rikorrenti kien itiħ il-kont tal-assikurazzjoni u kien iħallas lilu għal kull polza individwalment, jew iħallsu ta' numru ta' poloz f'salt. Qal li r-rikorrenti qatt ma taħ riċevuta tal-pagamenti li kien jagħmel u kien jgħidlu li l-polza hija rċevuta stess. Qal li l-pagamenti kienu jsiru billi jmur, hu jew membri tal-familja tiegħu, fl-uffiċċju fejn kien jaħdem u jħallsu hemm. Qal li ġieli r-rikorrenti kien jiffirmalu fuq biċċa karta ta' notebook u drabi oħra kien jieħu notament l-accountant tiegħu ċerta Jesmond Sciberras. Hu esebixxa kopja tan-notebook fejn hemm il-firem tar-rikorrenti[7] kif ukoll notament li kien għamel l-accountant li turi pagamenti oħra li saru.[8]

---

[3] Ara dok JD1 a fol. 17 tal-atti proċesswali.
[4] Ara dok "JD2" a fol. 19 tal-atti proċesswali.
[5] Ara dok "JD3" a fol. 35 et seq tal-atti proċessali.
[6] Ara x-xhieda mogħtija fit-08 ta' Lulju 2022 a fol. 55 tal-atti proċesswali kif ukoll l-affidavit tiegħu a fol. 101 tal-atti proċesswali.
[7] Ara fol. 103 tal-atti proċesswali.
[8] Ara fol. 104 tal-atti proċesswali.

Qal li meta ttermina r-relazzjoni mar-rikorrenti, l-istess rikorrenti qallu li ma kellu ebda pendenzi u dan wara li ċċekkja l-affarijet tiegħu. Qal li rekords m'għadx għandu għax kien biegħ il-kumpanija tiegħu u r-rikorrenti kien avviċinaħ bl-allegazzjoni li għad fadal bilanċ pendenti madwar sentejn wara. Hu qal li waqt il-laqgħa li kellhom fl-uffiċini tal-Mapfre Middlesea plc, huma ma daħlux fiha peress li hu dejjem ħallashom. Qal li wara dik il-laqgħa, hu mar jiċċekkja kollox u sab li ma kellu jtih ebda ammont. Qal li hu għadda d-dokumenti li kellu lis-soċjetà assikurattriċi u m'għadx għandu d-dokumenti miegħu. Jgħid li r-rikorrenti qed jipprova jqarraq bih. Qal, in kontro-eżami li hu ma kienx jieħu ħsieb il-karti għax ma tantx jaf jaqra u jikteb. Qal li ħallas kollox lir-rikorrenti.

Xehed ukoll ir-rappreżentant tas-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance plc[9] fejn qal illi r-rikorrenti kemm-il darba ħadem miegħu biex jinħarġu poloz tal-assikurazzjoni għan-nom ta' diversi klijenti. Qal li l-intimat kellu diversi poloz magħhom u li r-rikorrenti dejjem ħallas il-pendenzi b'rabta ma dawn il-poloz. Ikkonfmera li kellhom laqgħa fl-uffiċċju tiegħu fejn iddiskutew is-sitwazzjoni tal-pagament u r-rikorrenti ppreżenta il-prospett ta' pagamenti dovuti. Qal li l-intmat ikkonferma li kellu reġistru tal-pagamenti li kien għamel lir-rikorrenti u li kellu jeħodlu kopja tiegħu, liema kopja, madanakollu, qatt ma waslet. Qal li waqt il-laqgħa l-intimat beda jgħid li l-vetturi hemm imsemmija m'humiex tiegħu u ppreżenta l-korrispondenza li kellu ma Transport Malta rigward l-imsemmija vetturi kif elenkati fil-prospett preżentat mir-rikorrenti bħala Dok JD1 fejn ikkonfermaw illi l-vetturi huma kollha tal-intimat. Qal li hu l-Head tal-uffiċju Reġjonali ta' Ħal-Luqa.

[9] Ara x-xhieda mogħtija fis-07 ta' Novembru 2022, a fol. 64 tal-atti proċesswali.

Xehdu wkoll il-familjari tal-intimat, senjatament Natasha Camilleri[10] fejn qalet li ġieli kienet tħallas lir-rikorrenti. Spjegat li hi kienet biss tieħu l-flus jew ċekkijiet lir-rikorrenti. Ma tafx l-ammonti x'kienu jkopru jew kemm kienu. Qalet li r-rikorrenti daqqa kien jiġi l-uffiċċju tagħhom u daqqa kienet tmur hi ħdejn il-post tax-xogħol tiegħu biex tgħaddilu l-pagament. Qalet li qatt ma kien jagħtihom irċevuta u li bejn l-aħħar li inxurjhom u li beda jitlob il-flus għaddew madwar sentejn. Josephine Camilleri qalet[11] illi meta kienu qed ibattlu l-uffiċċju, peress li biegħu il-business, kien mar ir-rikorrenti u semgħatu jgħid lill-intimat illi kollox kien sew magħhom. Qalet li ma kellhomx reġistru tal-pagamenti iżda kien jiffirmalhom fuq biċċa karta. Qalet li huma kienu jħallsu l-poloz hekk kif jagħlqu u ma kienux iħallsu on accounts. B'referenza għan-notament li ġie ppreżentat mal-affidavit tal-intimat ikkonfermat li kien hemm xi kitba li hija tagħha u kitba oħra li mhix tagħha. In kontro-eżami qalet li huma kienu jtuħ ammont minn quddiem għax jiġbduhom għad-dritt.

Ikkonsidrat;

Illi l-vertenza odjerna tirrigwardja talba tar-rikorrenti għall-ħlas tas-somma ta' €9,965.57 rappreżentanti prezz ta' diversi premia u liċenzji mħallsa minnu għan-nom tal-intimat, li kellu business ta' kiri tal-karozzi. Illi da parti tiegħu, l-intimat qiegħed jeċċepixxi li ebda ammont m'huwa dovut peress li ħallas kollox.

Illi in materja, ġie stabbilit fis-sentenza **Giuseppe Darmanin vs Salvatore Muscat**[12] illi:

[10] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2023, a fol. 106 tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2023 a fol. 110 tal-atti proċesswali.
[12] **Giuseppe Darmanin vs Salvatore Muscat**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 23 ta' Frar 1956.

> *"'Min jallega l-pagament għandu jippruvaħ għas-sodisfazjon tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tipprevali l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallsax (Kollez. XXXVII.1.535), jekk ma jiġix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi oħra li l-attur huwa sodisfatt (Kollez. XXXV.iii.604; App. Inf. in re "Cassar vs Agius", deċiż fid-9 ta' Lulju 1924; P.A. in re "Cricchiola vs Pulis" deċiża fid-19 ta' Jannar 1965)."*

Illi fil-każ de quo, l-intimat qiegħed jallega li ħallas lir-rikorrenti. Huwa jgħid li kien iħallsu ta' kull polza individwalment u kien imur fejn il-post tax-xogħol tiegħu biex iħallsu.

Illi mill-prospett ippreżentat mir-rikorrenti[13] jirriżulta illi l-bilanċ oriġinali kien ta' €20,127.14 li meta jitnaqqsu l-ammonti indikati fin-notament ippreżentat mir-rikorrenti[14] jifdal bilanċ ta' €9,965.57, ossija l-ammont mitlub preżentement.

Illi l-Qorti tinnota li f'dan il-każ, kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimat ppreżentaw kopja ta' notamenti li jindikaw il-ħlasijiet li saru. Hemm ammonti li huma komuni għaż-żewġ skritturi u ammont li m'huwiex. Il-Qorti ħejjiet is-segwenti tabella għall-aħjar intiża:

| | **Notament a fol. 31** | | | **Notament a fol. 103** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Cash | €500.00 | | Cash | €500.00 | |
| 2 | Cheque | €1,411.57 | | Cheque | €1,411.57 | |
| 3 | Cheque | €1,250.00 | | Cheque | €1,250.00 | |
| 4 | Cash | €2,000.00 | | Cash | €2,000.00 | Firma rikorrenti |
| 5 | | | | Cash | €3000.00 | Data 3/11/17 |
| 6 | Cash | €3,000.00 | | Cash | €3,000.00 | Firma rikorrenti |
| 7 | Cash | €2,000.00 | | Cash | €2,000.00 | Firma rikorrenti |

[13] A fol. 17 tal-atti proċesswali.
[14] A fol. 34 tal-atti proċesswali, liema ammonti għandhom total ta' €10,161.57.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| | **Total** | **€10,161.57** | | **Total** | **€13,161.57** | |

Illi minn din l-analiżi jirriżulta illi skont l-intimat, huwa għamel pagament ta' €3,000 aktar minn dak kif indikat mir-rikorrenti fin-notamenti tiegħu. Sfortunatament, in-notamenti huma skarni ħafna u ma jinkludu ebda dettall, ħlief għal żewġ dati indikati fin-notamenti. Di più, ir-rikorrenti jippreżenta wkoll kopja ta' tlett ċekkijiet li tnejn minnhom huma inklużi bħala pagament fin-notament tiegħu filwaqt li t-tielet ċekk ma jirraffigura imkien u huwa maħruġ minn żewġ persuni terzi.

Illi l-intimat, min-naħa tiegħu, għalkemm jallega diversi drabi illi huwa ħallas l-ammont kollu, u saħansitra jgħid li l-accountant tiegħu kien jaf b'dan, huwa naqas milli jressqu quddiem din il-Qorti bħala xhud tiegħu u b'hekk il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq tali dikjarazzjoni tal-intimat. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jattakka is-somma ta' €3,000 indikata fin-notament tal-intimat iżda mhux fin-notament tiegħu.

Illi inoltre, flimkien man-nota tiegħu, huwa jippreżenta wkoll complimentary slip fejn fiha hemm indikati xi ammonti mingħajr data. L-ammont ta' €3,161.57 jidher li huwa t-total tal-ammonti indikati bħala numri (1),(2) u (3) fit-tabella hawn fuq, filwaqt li l-ammonti ta' €3,000 u €2,000 huma ammonti diġa indikati fin-notamenti. L-intimat ma ta ebda spjega dwar x'inhuma dawn il-figuri u b'hekk il-Qorti ser tinkludihom bħala ammonti fil-lista ta' Notamenti a fol. 103 tal-atti proċesswali, peress li ma saret ebda prova dwarhom.

Illi l-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq il-mod dilettantesk li kienu jinżammu l-kontijiet bejn il-kontendenti. Ma jidhirx li l-partijiet

kienu jżommu notamenti dettaljati dwar meta u kif saru l-pagamenti.

Illi in vista ta' dan kollu, il-Qorti ser tistrieħ fuq in-notament ppreżentat mill-intimat għaliex fil-fehma tagħha din hija prova sodisfaċenti illi l-ammont ta' €3,000 żejjed (li hu inkluż fl-istess notament, iżda eskluż min-notament tar-rikorrenti) tħallas lir-rikorrenti u dan ma ġiex inserit fin-notament tal-istess rikorrenti.

B'hekk jirriżulta illi l-ammont li għadu dovut lir-rikorrenti huwa ta' €**6,965.57.**[15]

Ikkonsidrat:
Illi għall-finijiet ta' kalkolu ta' imgħax, jirriżulta illi fis-6 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti intavola ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Ittra Nru 5/2021) liema ittra ġiet notifikata lill-intimat fid-9 ta' Jannar 2021, iżda li ġiet opposta fil-11 ta' Jannar 2021.

Il-Qorti tqis li, fin-nuqqas ta' provi oħra, id-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali għandha tkun id-data tal-bidu tad-dekors tal-imgħax ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u filwaqt li qed tillikwida s-somma dovuta fl-ammont ta' sitt elef, disgħa mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€6,965.57), qed tordna lill-intimat James Camilleri jħallas din is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tad-09 ta' Jannar 2021.

[15] Kalkolat bħala t-total ta' €20,127.14 – €13,161.57.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Jannar 2021 (Ittra Nru 5/2021) ikunu a karigu esklussiv tal-intimat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**